MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 119/2002/1

**Dragonara Casino Limited**

**Vs**

**Sharon Farrugia**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-13 ta' Frar tas-sena 2002 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:**

**1. Thallas somma stabbilita mill-qorti ta' mhux aktar minn hamest elef Liri Maltin (Lm5,000.00,0), rapprezentanti nofs il-paga kollha li ghaliha l-konvenuta kien ikollha jedd li kieku hi ma telqetx mis-servizz tas-socjeta' attrici qabel l-**

**iskadenza tat-terminu stabbilit fil-kuntratt ta' impjieg definittiv li kien jezisti bejn il-partijiet u skond kif stabbilit fl-Artikolu 34(12) tal-Kap 135 tal-Ligijiet ta' Malta u dan prevja dikjarazzjoni ta' din il-qorti li ma kienx hemm gustifikazzjoni da parti tal-konvenuta ghall-abbandun ta' l-impjieg;**

**2. Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-prezentata, l-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota datata d-19 ta' April tas-sena 2002 li permezz taghha l-konvenuta eccepiet is-segwenti:**

**1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;**

**2. Illi l-konvenuta tterminat il-kuntratt ta' impjieg definittiv minhabba ragunijiet ta' sahha u kwindi kellha gusta kawza biex ma tonorax il-kuntratt (ara anness Dok B);**

**3. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici;**

**4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi mill-ligi;**

**Rat it-talba rikonvenzjonali datata wkoll id-19 ta' April tas-sena 2002 li permezz taghha resqet lill-istess socjeta' attrici quddiem din il-qorti biex tghid ghaliex m'ghandhiex tkun ikkundannata:**

**1. Thallas lill-konvenuta s-somma ta' mija u hamsa u hamsin Liri Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm155.46,0), rapprezentanti bonuses, tips, u overtime skond kif dikjarat minn ufficjal tas-socjeta' attrici (ara anness Dok A);**

**2. Bl-ispejjez u l-imghax u s-socjeta' attrici ngunta in subizzjoni;**

**Rat in-nota datata t-22 ta' Mejju tas-sena 2002 li permezz taghha s-socjeta' attrici eccepiet is-segwenti:**

**Illi t-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuta ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante illi l-ammont rikjamat gia ttiehed in konsiderazzjoni meta l-eccipjenti kkalkolaw l-ammont li qeghdin min-naha taghhom jirrikjamaw mill-istess konvenuta;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-konvenuta kienet l-ewwel impjegata bhala kaxxiera fl-ewwel livell mas-socjeta' attrici ghall-perjodu ta' zmien indefinit;**

**2. Illi l-konvenuta kienet giet hekk impjegata fil-31 ta' Lulju fis-sena 1999 minghajr sejha pubblika izda biss a bazi ta' xi kollokju li hi kellha mal-manager tas-socjeta' attrici responsabbli mir-rizorsi umani;**

**3. Illi f'din l-ewwel okkazzjoni l-konvenuta hi rraportata li hadmet biss ghal lejl wiehed;**

**4. Illi aktar tard, cioe' fis-7 ta' Jannar tas-sena 2000 rega' kien hemm l-opportunita' ta' impjieg gdid u l-istess manager fuq riferit ghazel lill-konvenuta u mpjegaha mas-socjeta' attrici bhala kaxxiera;**

**5. Illi dan l-impjieg rega' sar mill-gdid minghajr sejha pubblika izda b'inizjattiva privata ta' l-istess manager wara li kien iltaqa' f'xi erba' okkazzjonijiet ohra mal-konvenuta u mal-genitrici taghha;**

**6. Illi meta dan il-manager ingagga lill-konvenuta isostni li spjegalha b'mod car il-kondizzjonijiet tal-impjieg; informaha fuq il-paga u r-"roaster", flimkien mal-kondizzjonijiet l-ohra kollha;**

**7. Illi matul is-sena 2000 jidher li l-impjieg de quo kien minghajr problemi izda f'Dicembru ta' l-istess sena l-konvenuta nformat lill-manager ikkoncernat li ma riditx tkompli f'dan ix-xoghol;**

**8. Illi fuq talba tal-manager ikkoncernat biex tkompli fl-impjieg sa ma jghaddu l-granet festivi, il-konvenuta rrilaxxat l-impjieg taghha fil-bidu ta' Jannar tas-sena 2001;**

**9. Illi pero' jidher li l-konvenuta kellha xi ripensament u ghal darb'ohra, din id-darba permezz ta' ittra indirizzata lill-istess manager u datata s-27 ta' Frar tas-sena 2001, regghet talbet biex terga' tkun impjegata mas-socjeta' attrici;**

**10. Illi fl-ewwel okkazzjoni li kellu, l-manager ikkoncernat rega' impjega lill-konvenuta ghall-perjodu ta' sena mit-12 ta' Marzu tas-sena 2001;**

**11. Illi matul dan il-perjodu ta' impjieg il-manager ikkoncernat kien jikkomunika mal-konvenuta u kien jirrizulta li kien sodisfatt b'xogholha;**

**12. Illi f'dawn l-okkazzjonijiet il-manager qatt ma gie informat li l-konvenuta kienet qed issofri minn xi patologiji mentali;**

**13. Illi jirrizulta li fis-7 ta' Settembru tas-sena 2001, il-konvenuta pprezentat lill-imsemmi manager b'certifikat mediku;**

**14. Illi sussegwentement l-istess konvenuta infurmat lill-manager de quo bix-xewqa taghha li riedet itemm l-impjieg taghha mas-socjeta' attrici;**

**15. Illi l-manager de quo jistqarr li hassu sorpriz b'dan l-izvilupp, molto piu' meta hu kien qed jipproponi lill-konvenuta ghall-promozzjoni;**

**16. Illi effettivament il-konvenuta temmet l-impjieg taghha;**

**17. Illi s-socjeta' attrici ma jirrizultax li kellha xi konsultazzjoni mat-tabib li rrilaxxa c-certifikat mediku rigwardanti l-konvenuta; (ara fol 36);**

**18. Illi lanqas jirrizulta li l-istess socjeta' attrici effettwat ezamijiet medici in verifika ta' dak allegat mill-konvenuta;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi wara li x-xhud mediku prodott f'din il-procedura gie ezentat mis-sigriet professjonali skond il-ligi, (ara fol 39), jirrizulta s-segwenti:**

**1. Illi l-konvenuta ghamlet perjodu ta' xahrejn taht il-kura medika tieghu;**

**2. Illi x-xiftijiet strambi u l-hinijiet twal li l-konvenuta kienet tahdem kienu qed jinterferixxu mal-hajja taghha;**

**3. Illi l-konvenuta per konsegwenza ma setghetx torqod;**

**4. Illi b'effett ta' dan il-konvenuta tant sarilha taqlib intern li kellu effetti psikologici kbar illi waqghet per konsegwenza f'dipressjoni hekk imsejha reattiva, (ara fol 41);**

**5. Illi ghalkemm kienet qed tigi medikament ttrattata jirrizulta izda li sa kemm damet impjegata mas-socjeta' attrici ma gie riskontrat l-ebda progress fil-kondizzjoni medika taghha;**

**6. Illi l-istess tabib allura irrakkomanda lill-konvenuta biex tieqaf mix-xoghol;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti kif fuq esposti juru certu anomalija fl-operat tas-socjeta' attrici u fosthom din il-qorti taghmel referenza ghal:**

**1. Metodu ta' ingagg;**

**2. In-nuqqas ta' intervent mediku f'isem l-istess socjeta' biex din tkun tista' taghmel il-verifiki taghha;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi din il-qorti ghalhekk hi rinfaccata b'analizi kliniku li jirrizulta li hu sufficjentement serju u dettaljat, u allura jimmerita l-avall kollu ta' din il-qorti;**

**Ghaldaqstant, in vista tal-premess, din il-qorti m'ghandhiex ghalfejn tiddubita fl-analizi professjonali quddiema pprezentat u filwaqt li tirrespingi t-talbiet tas-socjeta' attrici u l-eccezzjonijiet minnha pprezentati, takkolji l-eccezzjonijiet tal-konvenuta bl-ispejjez;**

**Illi fir-rigward tat-talba rikonvenzjonali tal-konvenuta ghandu jinghad li din naqset milli ggib provi fir-rigward u konsegwentement qed jigu respinti bl-ispejjez.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------